# Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

## Dikjarazzjoni Dwar il-Protezzjoni tad-Data

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jiġbor din l-informazzjoni sabiex ikun jista' joffri s-servizz li ġie mitlub minnek. L-informazzjoni li tingħabar dwarek hi relatata man-negozju imwettaq bejn iż-żewġ partijiet imma tisa' tintuża wkoll għal skopijiet oħra tad-Dipartiment. L-informazzjoni pprovduta minnek jew dwarek minn terzi persuni tista' tiġi mqabbla ma' informazzjoni li jkollu d-Dipartiment.

Id-Dipartiment jista' wkoll jikseb informazzjoni dwarek mingħand terzi persuni jew jgħaddi informazzjoni lilhom sabiex tiġi vverifikata l-eżattezza ta' dik l-informazzjoni biex b'hekk jiġi evitat kull tip t'abbuż u biex jigu mħarsa fondi pubbliċi kif inhu indikat fil-liġi. Dawn it-terzi persuni jinkludu dipartimenti oħra tal-gvern jew awtoritajiet lokali. Informazzjoni miġbura dwarek ma tiġix mgħoddija lil persuni barra d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sakemm mhux permess bil-liġi.

Jekk tixtieq tkun taf aktar dwar x'tip ta' informazzjoni tinżamm fuqek jew kif tintuża tista' tistaqsi għal kopja tal-Politika għall-Protezzjoni u Privatezza tad-Data jew tirrikorri fl-eqreb Fire Station tad-Dipartiment.